Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 145/2013 MM

Il-Pulizija

Spettur Carmelo Magri

vs

Victoria Vassallo

Illum, 20 ta' Jannar, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-appellata Victoria Vassallo, detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 366573M akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura talli:

F'dawn il-Gzejjer fit-23 ta' Marzu 2009 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. iffalsifikat jew biddlet minghajr il-kunsens tas-sid l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew ta' prodott ta' industrija jew xjentement ghamlet uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali falsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;

2. fl-istess zmien u cirkostanzi iffalsifikat jew biddlet, minghjr il-kunsens tas-sid, id-disinji jew mudelli ta' manifattura jew xjentement ghamlet uzu ta' dawn id-disinji jew mudelli iffalsifikati jew imbiddla, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;

3. fl-istess zmien u cirkostanzi xjentement ghamlet uzu ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li kien fihom indikazzjoni li setghet tgharraq lix-xerrej dwar ix-xorta ta' merkanzija jew bieghet merkanzija b'din il-marka, sinjal jew emblema;

4. fl-istess zmien u cirkostanzi xjentement qeghdet fic-cirkolazjoni, bieghet jew zammet ghandha ghall-bejgh jew importat ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbhin b'qerq;

5. fl-istess zmien u cirkostanzi ghal qligh jew bi skop ta' kummerc, stampat, immanufatturat, idduplikat jew mod iehor ipproduciet jew ikkopjat jew bieghet, qasmet jew mod iehor offriet ghal bejgh jew biex titqassam xi artiklu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahta;

6. fl-istess zmien u cirkostanzi bil-ghan li tiehu vantagg ghaliha nnifisha jew ghall-persuna ohra jew bil-hsieb li tikkaguna telf lil xi persuna ohra u minghajr il-kunsens tal-proprjetarju, applikat fuq oggetti jew fuq l-ippakkjettar taghhom sinjal identiku ghal jew li x'aktarx jithawwad ma' 'trademark' registrata;

7. fl-istess zmien u cirkostanzi bil-ghan li tiehu vantagg ghaliha nnifisha jew ghall-persuna ohra jew bil-hsieb li tikkaguna telf lil xi persuna ohra u minghajr il-kunsens tal-proprjetarju, bieghet jew kriet, offriet jew esponiet ghall-bejh jew kiri jew qassmet oggetti li kellhom fuqhom jew li l-ippakkettar taghhom kellu fuqu, sinjal identiku ghal jew li x'aktarx jithawwad ma' 'tademark' registrata;

8. fl-istess zmien u cirkostanzi xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahlet biex tbieghom jew tmexxihom;

Il-Qorti mitluba li f'kaz ta' htija barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti;

Il-Qorti mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew parti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-13 ta' Marzu, 2013 fejn il-Qorti, sabet l-imputata hatja tas-sitt imputazzjoni. Illiberata mill-bqija. Rat l-Artikolu 72(1)(a) tal-Kap 416. Illiberata bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' sitt xhur bl-applikazzjoni tal-Kap 446, Artikolu 22.

Fliet l-atti processwali;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat.

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali pperezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-3 ta' April, 2013 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

1) tikkonfermaha fejn sabet lill-appellata hatja tas-sitt imputazzjoni;

2) tikkonfermha wkoll fejn illiberataha mir-raba' u 1-hames imputazzjonijiet;

3) thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellata mill-imputazzjonijiet numru wiehed, tnejn, tlieta u seba' u minflok issibha hatja tal-istess u konsegwentament tinfliggi l-piena skont il-ligi, inkluz il-konfiska tal-corpus delicti.

Rat l-aggravji tal-appellant Avukat Generali:

Illi fil-21 ta' Marzu 2013, l-esponent ircieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghamlet apprezzament zbaljat u irragjonevoli tal-provi migbura kif ukoll minhabba illi naqset milli tordna l-konfiska tal-corpus delicti.

Illi l-esponent Avukat Generali intavola dan l-appell a bazi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 413(1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-esponent jibda bil-premessa illi fil-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-Ewwel Qorti sabiex waslet ghad-decizjoni surifferita kienet zbaljata ferm u bid-dovut rispett dan l-appell qieghed jigi ntavolat sabiex din l-Onorabbli Qorti taghmel revizjoni tas-sentenza hawn fuq imsemmija u dan sabiex isir apprezzament
approfondit tal-provi kollha imressqa fil-kawa in kwistjoni.

Illi ghal fini ta' kjarezza l-esponent ser jaqsam l-argumenti tieghu skont l-imputazzjonijiet addebitati lill-appellata. Illi permezz tal-ewwel erbgha imputazzjonijiet, l-appellata giet addebitata u sussegwentament illiberata mir-reati ikkonttemplati fis-subartikoli (a),(b),(c) u (f) tal-artikolu 298 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jitrattaw dwar il-qerq fil-kummerc.

Illi s-subartikolu (a) jipprovdi li kull min "jiffalsifika jew ibiddel minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol, tal-mohh jew ta' prodott ta' industrija jew xjentement jaghmel uzu ta' dawn 1-ismijiet, marki jew sinjali falsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid" ikun hati ta' reat. liii bir-rispett dovut lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti ir-ragunament li bih waslet biex tillibera lil appellata ma jregix. Illi fis-sentenza taghha l-Ewwel Qorti stqarret li "Mill-provi huwa bil-wisq car li si tratta ta' oggetti (figurini tal-Playmobil) mixtrija legalment b'daqstant li legalment is-sid kienet hi stess."

Illi l-Ewwel Qorti fil-fehma umli tal-esponent zbaljat ferm meta qalet li kemm-il darba il-persuna tkun xtrat xi haga hemmekk hija saret legalment is-sid ghaliex naqset milli taprezza illi 1-1igi f'din l-istanza qieghda tirreferi mhux ghas-sid li fizikament ikollu il-prodott f'idejh izda ghas-sid tal-isem, marka jew sinjali distintivi. Il-ligi ma hix qed tirreferi sempliciment ghall-pupu tal-Playmobil izda ghal dik il-marka distintiva tieghu li propjetarju taghha hija 1-kumpannija Germaniza Geobra Brandstatter GmbH & Co. KG. Bhala ezempju nistghu nghidu illi jekk jien xtrajt

karozza tal-marka BMW b'ebda mod ma nsir is-sid tal-marka BMW u hawnhekk fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti zbaljat.

Illi mill-provi akkwiziti tul dawn il-proceduri jirrizulta bic-car illi dak li ghamlet l-imputata kien li qabdet bicciet originali tal-pupi, immuntathom f'pupu gdid jew set gdid u minghajr awtorizzajzoni bieghethom. Ghalhekk l-esponent jemmen illi kellha tinstab htija taht dan is-subartikolu. Dan ghaliex l-appellata biddlet prodott ta' industrija minghajr il-kunsens tas-sid. Illi f'dan l-istadju l-esponent mhux ser jidhol fil-provi dwar jekk l-appellata kelihiex awtorizzazjoni minghand is-sid jew le ghaliex dan huwa ammess mill-appellata stess f'diversi istanzi.

Illi s-subartikolu (b) jipprovdi li kull min" jiffalsifika jew ibiddel, minghajr il-kunsens tas-sid, id-disinnji jew mudelli ta' manifattura jew xjentement jaghmel uzu ta' dawn id-disinnji jew mudelli iffalsifikati jew imbiddla, ukoll jekk minn haddiehor, ininghajr il-kunsens tas-sid" ikun hati ta' reat. Illi l-Ewwel Onorabbli Qori illiberat lill-appellata fuq 1-istess ragunament li bih illiberatha mill-ewwel subartikolu. Lanqas hawnhekk l-esponent ma jista' jaqbel mal-Ewwel Qorti. Illi mill-assjem tal-provi johrog car kif l-appellata kienet tixtri basktijiet tal-pupi tal-Playmobil b'mod mhux awtorizzat u cioe' minghand wiehed li kien jisraqhom biex imbaghad timmunthom hi sabiex tipproduci l-mudelli li jidhrilha. Dawn il mudelli immuntati minnha li ma kienux mudelli awtorizzati mill-kumpaimija tal-Playmobil, kienet tbieghhom u dan kollu kien isir minghajr l-awtorizzazjoni tal-Playmobil. Illi l-esponent jissottometi illi din l-imputazzjoni hija ppruvata mill-provi prodotti.

Iiii s-subartikolu (c) jghid li kull min " xjentement jaghmel uzu ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li kien fihom indikazzjoni li setgha jqarraq bix-xerrej dwar ix-xorta ta' merkanzija jew ibiegh merkanzija b'din il-marka, sinjal jew emblema" ikun hati ta' reat. Illi l-appellata ghamlet uzu tal-marka Playmobil sabiex tbiegh fuq il-website taghha l-pupi li timmontha hija stess. F'dan i1-kaz johrog mill-provi illi hija bi xjenza kienet qed tbiegh il-pupi taghha bhala pupi tal-Playmobil meta fil-verita' dawn ma kienux pupi awtorizzati mill-kumpannija u b'hekk qarrqet bix-xerrej li

facilment seta' jemmen li qed jixtri pupi awtorizzati mill-Playmobil ghaliex l-appellata uzat il-marka Playmobil u bieghet il-pupi bhala tali. Dak li tiprojbixxi l-1igi hawnhekk huwa l-uzu ta' marki li minhabba x-xebh jistghu jinducu lill-konsumatur li jixtri prodott bl-impressjoni li qed jixtri prodott iehor. Fil-verita' il-pupi li tbiegh l-appellata ghalkemm immuntati minn bicciet ta' pupi tal-Playmobil origina1i ma kienux pupi origina1i u awtorizzati sabiex jinbieghu mill-kumpannija.

Illi l-esponent m'huwiex ser jidhol fir-raba' u l-hames imputazzjoni ghaliex jaqbel mar-ragunament tal-Qorti illi fuqu illiberat lill-appellata.

L-appellata giet misjuba hatja tas-sitt imputazzjoni u ghaldaqstant l-esponent jemmen illi stante li s-sitt u s-seba' imputazzjoni huma konessi, l-appellata kellha tinstab hatja tas-seba' imputazzjoni wkoll. Illi dawn l-imputazzjonijiet huma ikkontemplati fi-Artikolu 72(1)(a) u (b) tal-Kap 416. Jirrizulta illi l-appellata tramite l-websites taghha kienet tbiegh dawn il-pupi taht l-isem Playmobil fis-sens illi hija kienet qed tidentifikhom bhala tali u ghalhekk kellha wkoll tinstab htija taht is-seba' imputazzjoni li tghid li kull min "bi1-ghan illi jiehu vantagg ghalih nnifisu jew ghall-persuna ohra jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra u minghajr il-kunsens tal-propjetarju, ibiegh jew jikri, offra jew espona ghall-bejgh jew ghall-kiri Jew qassam oggetti li kellhom fuqhom jew li l-ippakkettar taghhom kellu fuqu sinjal identiku ghal jew li x'aktarx jithawwad ma' "trademark" irregistrata"ikun hati ta' reat.

Illi t-tmien imputazzjoni tikkontempla r-rietazzjoni. L-esponent filwaqt li jaghmel referenza ghal1- gurisprudenza ampja dwar is-sugett jibda billi jikkwota l-Qorti tal-Appeil Kriminaii dwar l-elementi rikjesti sabiex jissussisti r-reat ta' ricetazzjoni. Illi sabiex persuna tinsab hatja ta' rietazzjoni huma mehtiega s-segwenti tlett rekwiziti:

1. Il-provenjenza illegittima ta1-oggett in kwistjoni;
2. L-akkuzat irid ikun laqa' ghandu jew xtara tali oggett li ghandu provenjenza illegittima; U

3. Fil-mument tal-akkwist, l-akkuzat kien jaf bil-provenjenza illegittima tai-ogett in kwistjoni.

Illi kif diga' inghad iktar 'il fuq, ix-xhud Stephen Previ li xhed li kien ibiegh lill-appellata l-pupi u partijiet minnhom, kien instab hati ta' serq u kkundanat f'Ottubru 2009. Issa tajjeb ta' mm jinnota illi huwa minnu li provi diretti forsi ma nstabux illi l-appellata kienet konsapevoli tal-provenjenza illegta ta1-ogett sguett tar-ricetazzjoni madanakollu dan ir-rekwizit jista' jigi ppruvat kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi indizjarji. Illi mill-provi irrizulta illi darba fost l-ohrajn ir-rage1 tal-appellata kien avvicina lil Stephen Previ u qallu sabiex joqghod attent ghaliex kienu marru ghandu l-Pulizija. Wiehed jistaqsi allura kieku ma kien hemm xejn illecitu u l-appellata verament kienet temmen illi l-pupi s-Sur Previ kien isibhom minn skip, x'kienet ir-raguni ghaliex allarmat ruhha u avzat lil Previ biex joqghod attent u ghaliex kienet thallsu meta taf li dawn kienu mormija u allura ma kellhomx valur? Di piu' anke jekk stess dawn il pupi is-Sur Previ kien igibhom mill-iskip, kif setghet temmen illi huwa kellu dritt johodhom daqs li kieku kienu qeghdin hemm ghad-dispoizzjoni ta' kulhadd? Dawn il-pupi kif uriet li taf tajjeb l-istess appellata kienu mizmumin gewwa skip ghar-riciklagg u allura taf li ma kienux abbandunati u ma setghux jittiehdu. Minhabba dan Stephen Previ gie kkundannat ghal serq u jsegwi illi l-appellata setghat tissuspetta illi l-pupi kellhom provenjenza illegittima. Ghaldaqstant jirrizulta li hemm provi bizzejjed li fuqhom kellha tinstab htija fuq din l-imputazzjoni.

L-esponent ihossu aggravat ukoll minhabba illi l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli fis-sentenza taghha tordna il-konfiska tal-corpus delicti. Illi l-Artikolu 23 (1) jghid is-segwenti "Il-konfiska tal-corpus delicti, tal-istrumenti li servew jew li kien mahsub li jservu sabiex isir id-delitt, u ta' kull ma jkun gie miksub bid-delitt, hija konsegwenza tal-piena stabbilita mil-ligi ghad-delitt, ukoll jekk dik il-konfiska ma tkunx espressament imsemmija fil-ligi, barra minn meta persuna, ii ma tkunx hadet sehem

fid-delitt, ikollha jedd fuq dawk l-oggetti." illi dan juri bic-car illi galadarba instabet htija il-Qorti kellha tordna l-konfiska u dan b'mod erroneju naqset milli taghmlu.

Ikkunsidrat,

Illi dan huwa appell imressaq mill-Avukat Generali u dan limitatament minn dik il-parti tad-decizjoni impunjata fejn l-Ewwel Qorti illiberat lill-appellata mill-ewwel, it-tieni, it-tielet u is-seba' imputazzjonijiet. Illi l-ewwel tlett akkkuzi jirreferu ghar-reat tal-qerq fil-kummerc kif previst fl-artikolu 298(a)(b) u (c) tal-Kodici Kriminali. L-Avukat Generali iqies illi kienet tirrizulta ir-reita ta'l-appellata mill-fattispecje tal-kaz u dan ghaliex fir-rigward ta'l-ewwel imputazzjoni u cioe' dik ikkontemplata fis-sub-inciz (a) tad-disposzzjoni tal-ligi surriferita, l-appellata biddlet prodott ta'l-industrija minghajr il-kunsens tas-sid meta hi zmantellat il-figurini tal-"playmobil" u immudellathom b'mod differenti u dan immaterjalment mill-fatt jekk hija kenitx xtrat dak il-prodott u saret sidu. Illi imbaghad, fil-fehma tieghu, r-reat ikkontemplat fis-sub-inciz (b) ukoll kien jissusisti billi l-appellata immuntat u ipproduciet mudelli godda li ma kenux awtorizzati mill-kumpanija u bieghhethom taht il-marka "playmobil". Finalment dehrlu li kellha ukoll tinstab htija ghar-reat li jitkellem dwaru is-sub-inciz (c) meta l-appellata ghamlet uzu mill-marka "playmobil" sabiex tbiegh minn fuq is-sit taghha fuq l-*internet* pupi li timmonta hija stess biex b'hekk hija qarrqet bix-xerrej. Fir-rigward tar-reati li ikkontemplati fil-Kapitolu 416 tal-Ligijiet ta' Malta dwar ir-rappresentazzjoni ta' *trademark* irregistrata b'mod qarrieqi, u li huma riflessi fis-sitt u s-seba akkuza migjuba kontra l-appellata, l-Avukat Generali jikkontendi illi gjaldarba l-Ewwel Qorti sabet htija ghas-sitt imputazzjoni, kellha tinsab htija tas-seba ukoll billi dawn ir-reati huma konnessi. (artikolu 72(1)(a)(b)).

Illi ghalkemm l-Avukat Geneali iressaq aggravvju konness mal-liberatorja mill-ahhar akkuza dwar ir-ricettazzjoni, madanakollu fir-rikors ta'l-appell minnu intavolat ma iressaq l-ebda talba ghar-revoka ta' dik il-parti tad-decizjoni impunjata fejn l-appellata giet illiberata minn dina l-akkuza u ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina l-impunjattiva.

Ikkunsidrat,

Illi fost l-provi migjuba f'dina l-kawza, l-prosekuzzjoni ressqet bhala xhud lil John Richards, Principal fid-Direttorat dwar Industrial Property Registrations fejn huwa spjega illi bhala *trademark* "Playmobil" jezistu tlett *trademarks* lokali u zewg *trademarks* kommunitarji. Mid-dokumenti esebieti minn dana ix-xhud jidher illi dawn it-*trademarks* huma irregistrati kollha fuq is-socjeta Geobra Brandstatter Gmbh & Co.Kg tal-Germanja. Dwar dan il-fatt ma hemmx kontestazzjoni, ghalkemm l-ebda kwerela ma tinsab fl-atti ghan-nom ta' din is-socjeta estera.

Illi dan ir-riljev huwa ta' relevanza ghal ezitu ta' dina il-vertenza u dan ghaliex ghalkemm jidher illi l-kwerela tressqet mis-socjeta Playmobil Malta Limited, madanakollu ma jidhirx jekk hemmx ness bejn dina is-socjeta u dik Germaniza ghajr ghal dak li tispjega Anna Agius rappresentant tas-socjeta kwerelanti fix-xhieda taghha fejn ghalkemm issemmi l-Head Office tal-Germanja madanakollu ma tindikax l-isem tal-kumpanija estera li taghha s-socjeta maltija hija l-mandanti. Illi dan kien nuqqas minn naha tal-Proekuzzjoni li fl-ewwel lok kellu jinfluwixxi fuq l-ezitu tal-akkuza ibbazata fuq l-artikolu 298B tal-Kodici Kriminali li tinneccessita l-kwerela tal-parti leza ai fini ta htija, kif ukoll kienet essenzjali fir-rigward tar-reati li johorgu mill-Kapitolu 416 tal-Ligijiet ta' Malta li jitkellmu fuq ir-registrazzjoni tat-trademark, billi kien evidenti illi l-allegat ksur ma sarx fil-konfront tas-socjeta kwerelanti izda fil-konfront ta' socjeta ohra li lanqas ingiebet tixhed f'dawn il-proceduri, lanqas permezz ta; xi prokuratur taghha[1].

Illi rilevat dan in-nuqqas processwali, l-Qorti madanakollu ser tghaddi biex tezamina *serjatim* l-lanjanzi ventilati mill-Avukat Generali.

**<u>L-artikolu 298 tal-Kapitolu 9.</u>**

Illi l-ewwel aggravvju migjuba 'il quddiem mill-Avukat Generali jitratta ir-reat dwar il-falsifikazzjoni minghajr il-kunsens tas-sid, ta' ismijiet, marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew ta' prodott ta' industrija, jew l-uzu ta' dawn l-ismijiet marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens

[1] Ara kwerela a fol 14 tal-process.

tas-sid. Illi l-Ewwel Qorti illiberat lill-appellata minn dina l-imputazzjoni billi mill-atti probatorji irrizultalHa illi l-appellata kienet xtrat il-pupi tal-*playmobil* b'mod legittimu u kwindi hija kienet is-sid legittimu taghhom. Illi l-Avukat Generali jishaq illi dan ir-ragjonament huwa wiehed legalment erronju billi mill-mument illi l-appellata zmantellata il-pupi originali tal-"*playmobil*" u immudellathom kif dehrilha hi, saret hatja ta' dan ir-reat. Illi bir-rispett kollu, dan l-argument huwa legalment wiehed fallacci. Illi qabel xejn irid jigi rilevat illi mill-atti hareg kemmxejn evidenti illi 'l hekk ismejjah *customization* tal-mudelli immanifatturati taht l-isem "*playmobil*" huwa permess mis-socjeta Germaniza stess u cioe' mis-sid legittimu ta' dina il-marka. Tant hu hekk illi isiru diversi kompetizzjonijiet bejn dilettanti ta' dan il-passatemp fejn il-mudelli "rimodellati" jew *customized* sahansitra jigu jiswew flejjes kbar, x'aktarx billi ikunu unici u ukoll jenhtiegu kapacita u sengha fihom infushom biex jigu immuntati. Illi dan ifisser allura illi l-appellata fl-ebda mument ma ***iffalsifikat*** xi isem, marka, sinjal ta' xi xoghol tal-mohh jew ta' xi prodott iehor. Illi wisq inqas imbaghad hemm provi illi hija ghamlet xi uzu xjenti minn dawn il-marki, sinjali jew ismijiet ***hekk iffalsifikati*** billi il-marka uzata minnha certament fl-ebda mod ma giet iffalsifikata bhal per ezempju meta jinxtara xi flokk allegatament b'isem ta' ditta fuqu li ma ikunx fl-original tieghu izda biss imxebbah b'qerq ma'l-istess. Hawnhekk *si tratta* ta' pupi originali mahruga mid-ditta *Playmobil* li l-appellata tkun xtrat b'mod legittimu u wara tbieghhom b'montatura b'tema differenti minn dak li jinhargu mill-kumpanija izda tindika illi dawn huma prodotti "*second hand*" u li huma "*customized*", fid-deskrizzjoni li hija taghti tal-prodott meta itellaghhom fuq is-sit tal-*ebay* ghal bejgh. Ghaldaqstant dina d-disposizzjoni tal-ligi certament ma tinkwadrax ruhha taht il-fattispecje ta' dana il-kaz.

Illi l-appellata giet illiberata ukoll mill-akkuza li iffalsifikat xi disinn jew mudell ta' manifattura, jew inkella illi xjentement ghamlu uzu minn dawn l-oggetti iffalsifikati u dana minghajr il-kunsens tas-sid u dana kif ikkontemplat fis-sub-inciz (b) ta'l-artikolu 298. L-Avukat Generali ma jaqbilx ma dan. Illi din il-qorti kellha okkazzjoni tirricerka fuq is-sit *ebay* bejgh ta' dawn il-pupi *custom made*, kif inhuma imsejjhin u sabet illi dan id-delizju huwa wiehed mifrux sew mad-dinja kollha. Il-bejjiegha kollha jindikaw illi dawn huma *custom dolls* u ghalkemm uhud minnhom jaghmlu 'l

hekk imsejjah *disclaimer* fl-ahhar tal-pagna fuq is-sit, izda mhux dejjem isir hekk. Jidher illi l-appellanti issa qed turi illi hija ma ghandha l-ebda konnessjoni mas-socjeta Germaniza u illi ma ghandha l-ebda jeddijiet la fuq it-*trademark* u lanqas fuq xi drittijiet ta'l-awtur. Dan qed jinghad ghaliex il-Qorti tara li hemm distinzjoni bejn ir-reat ikkontemplata fis-sub-inciz (a) li jitkellem dwar sinjali u marki distintivi u dak mahsub fis-sub-inciz (b) li jitratta dwar id-disinn jew mudell ta' manifattura. Illi ghalkemm tressqu provi illi is-socjeta Geobra Brandstatter tal-Germanja hija sid tat-*trademark* "playmobil", madanakollu ma hemm l-ebda prova in atti dwar ir-registratazzjoni mis-socjeta bhala is-sid ta' xi disinn jew mudell ta' manifattura partikolari ghal kull xena ikkrejata minnhom u li tinbiegh taht il-marka taghhom.

**"Id-drittijiet li jakkwista awtur ta' disinn li jigi registrat huma estensjoni tad-drittijiet ta' l-awtur, maghrufin ahjar bhala "copyright", u l-protezzjoni hija ntiza sabiex jeskludi lil haddiehor milli jimita tali disinn. Dan kien rifless f'mohh il-legislatur meta ghaddiet l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjeta Industrijali mill-Assemblea Legislattiva fl-1900 u fil-fatt, il-*Crown Advocate* ta' dak iz-zmien ddeskriva dik il-parti ta' l-Ordinanza li titratta disinni u mudelli ta' manifattura kif ser jinghad: "*Il titolo secondo di questa Ordinanza e molto importante. In esso si tratta dei disegni e modelli di fabbrica. E inteso a dare un rimedio contro cio' che succede molte volte che cioe' un individuo, il quale dopo grande lavoro, forma un disegno od un modello di fabbrica, ne rimane espropriato senza compenso da un altro individuo che ne prende copia*"**[2].

Illum il-legislazzjoni fir-rigward zviluppat u twessghet sabiex illum insibu ligijiet li jitkellmu dwar id-drittijiet ta'l-awtur (Kapitolu 415), Att dwar il-Privattivi Industrijali u Disinni (Kap.417) u il-Ligi dwar it-Trademarks (Kap.416) biex b'hekk jigu applikati ir-regolamenti imfassla mill-Unjoni Ewropeja fir-rigward u dan wara li Malta saret Stat Membru. Maghdud dan allura huwa evidenti illi l-provi in atti huma mankanti billi ma hemmx evidenza dwar id-disinn u il-mudell ta' manifattura li issemmi l-ligi u li taghhom s-socjeta estera hija s-sid u allura wisq anqas illi l-appellata b'xi mod **iffalsifikat** tali disinn jew mudell ta' manifattura jew

[2] Sammut Dr Austin Noe Vs Kontrollur Tal-Propjeta' Industrijali 25/05/2001 App.Civ. Sup

alternattivament  illi hija ghamlet xi uzu xjenti minn dawn il-mudelli **iffalsifikati**. Dan l-aggravvju allura ukoll ma jisthoqqlux akkoljiment u ser jigi respint.

Illi jifdal biex jigi itrattat l-ahhar aggravvju konness mar-reati dwar ir-rappresentazzjoni ta' *trademark* irregistrata b'mod qarrieqi. Illi l-appellata giet misjuba hatja tas-sitt imputazzjoni ikkontemplat fl-artikolu 72(1)(a) li jiddisponi hekk:

"**Persuna li bil-għan li tieħu vantaġġ għaliha nnifisha jew għal persuna oħra, jew bil-ħsieb li tikkaġuna telf lil xi persuna oħra, u mingħajr il-kunsens tal-proprjetarju <u>tapplika fuq oġġetti jew fuq l-ippakkettjar tagħhom sinjal identiku għal, jew li x'aktarx jitħawwad ma' trademark reġistrata</u> tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu.**"

Illi l-Avukat Generali jikkontendi illi gjaldarba l-Ewwel Qorti sabet htija fl-appellata ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat, allura kellha ukoll tinstab htija ghas-seba imputazzjoni billi z-zewg reati huma konnessi ma' xulxin.

Illi l-artikolu 72(1)(b) jaqra hekk:

"**Persuna li bil-għan li tieħu vantaġġ għaliha nnifisha jew għal persuna oħra, jew bil-ħsieb li tikkaġuna telf lil xi persuna oħra, u mingħajr il-kunsens tal-proprjetarju <u>tbiegħ jew tikri, toffri jew tesponi għall-bejgħ jew kiri jew tqassam oġġetti li jkollhom fuqhom, jew li lippakkettjar tagħhom ikollu fuqu, sinjal bħal dak</u>, tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu."**

Illi l-Qorti irriproduciet testwalment dawn iz-zewg disposizzjonijiet tal-ligi billi minn qari akkurat ta'l-istess huwa evidenti illi l-Avukat Generali huwa errat fil-hsieb tieghu. Dan ghaliex l-applikazzjoni ta' sinjal jew marka identika u li jista' jithawwad ma' *trademark* irregistrat fuq oggett ma ifissirx necessarjament illi dik l-istess persuna ghaddiet ghal bejgh jew kiri ta' dawk l-oggetti. Illi madanakollu l-wahda ma tikkomprendiex lill-ohra ghalkemm jistghu ma jeskludux il xulxin. Dak li ried ifisser l-Avukat Generali kien illi meta applikati ghal fattispecje tal-kaz irrizulta ippruvat illi l-appellata esponiet ghal bejgh l-oggetti kif rappresentati bl-ittikkettjar taghhom u kwindi kellha tirrizulta ir-reita ghat-tieni reat ukoll. Issa huwa minnu illi l-appellata

offriet ghal bejgh il-prodott tad-ditta *playmobil*, madanakollu l-Qorti hija tal-fehma illi mill-atti ma jirrizultax illi l-appellata bieghet xi prodott b'tikketta jew marka li hija identika ghal marka irregistrata jew li tista' tithawwad maghha ghaliex il-prodott li hija bieghet kien verament prodott tal-marka *playmobil*, izda immuntati b'disinn differenti minn dak li solitament timmuntahom il-kumpanija. Kwindi s-sinjal, il-marka, jew l-ittikkettjar ma kienx wiehed falz, jew imxebbah b'qerq mas-sinjal originali ghaliex il-prodott kien verament l-original, izda immuntat bi stil differenti. Illi l-appellata issostni fix-xhieda taghha illi hija kienet taghti deskrizzjoni tal-oggett li tkun ser tbiegh fejn kienet tindika li dawn il-pupi ikunu *second hand* u *custom made*. Dak li naqqset milli taghmel kienet illi tindika lill-konsumatur illi hija ma kenitx qed taghmel dan f'isem is-socjeta "playmobil" u li allura ma kellha l-ebda konnessjoni maghha u mad-drittijiet vantati mill-istess kumpanija fuq il-marka u fuq id-drittijiet ta'l-awtur, haga li tidher li irrimeddjat ghalihaa minnufih wara li inbdew dawn il-proceduri fil-konfront taghha. Kwindi dan l-aggravvju ukoll qed jigi respint billi ma tistax tirrizulta reita' ghaldaqshekk.

Illi finalment dwar il-konfiska tal-*corpus delicti* li l-Avukat Generali jishaq fuq l-applikazzjoni taghha fid-dawl ta' dak li tipprovdi il-ligi fl-artikolu 23(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta, jigi rilevat illi l-pupi li jinsabu ikkonfiskati taht l-awtorita tal-qorti huma kollha pupi originali "*playmobil*" li jidher illi l-appellata akkwistat legittimament. Illi l-htija tal-appellata tidher illi hija marbuta mal-mod kif kienet qed toffri dawn il-pupi ghal bejgh minghajr kif inghad indikazzjoni cara dwar in-nuqqas ta' ness bejnha u bejn id-drittijiet tas-socjeta Geobra Brandstatter fuq it-*trademark* jew xi drittijiet ohra ta'l-awtur li ghandha s-socjeta fuq il-proprjeta taghha sabiex b'hekk ix-xerrej ma jigiex imqarraq dwar l-kwalita ta'l-oggett (iktar milli dwar il-marka tieghu) li ikun qed jigi akkwistat minnu. Il-konfiska li titkellem dwarha il-ligi hija marbuta mas-sekwestru ta' kull oggett li serva sabiex jigi kommess id-delitt jew inkiseb mill-kummissjoni tad-delitt. Billi dawn huma pupi, kif inghad huma prodott originali tad-ditta "*playmobil*" u li gew akkwistati legittimament mill-appellata (u dan fid-dawl tal-fatt illi l-appellata giet illiberata mill-akkuza dwar ir-ricettazzjoni), jonqos l-applikabbilita' ta'l-artikolu 23 tal-Kap.9 ghar-reat li dwaru l-appellata instabet hatja. Dan l-aggravvju ukoll qed jigi michud.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata ikkonfermata fl-intier taghha.

Edwina Grima

Imhallef